# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2001 .

## Avviz numru : 14/01GT(GM)

**Rapa Brothers Co. Ltd .**

**VS**

**Anthony u Doris konjugi Xerri .**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha s-socjeta' attrici qeghda titlob LM160.42 rapprezentanti valur ta' materjal debitament mibjugh u konsenjat lill-konvenuti skond ma jirrizulta mill-anness invoice hawn esebita markata dok "A" .**

**Ra r-risposta tal-konvenuti li qeghdin jikkontestaw it-talba attrici ghas-segwenti ragunijiet :**
**1 . Il-konvenut ordna tmien jardi konkos minghand s-socjeta' attrici bil-prezz ta' himstax-il lira l-jarda .**

**2 . Illi mal-konsenja tal-konkos ma inghatat l-ebda delivery note tal-konsenja ghall-konferma mill-konvenut, pero'qabel ma inhattet l-istess konsenja l-konvenut ikkonferma verbalment ma' Frank Rapa, u fuq il-post stess fejn saret il-konsenja, illi l-ammont illi kien ser jigi konsenjat kien ta' tmien jardi ;**

**3 . Illi tlett ijiem wara l-konsenja l-konvenut mar ihallas izda l-konvenut gie mitlub ihallas ta' disa' jardi bil-prezz ta' hmistax-il lira u hamsin centezmu (LM15.50) u dana minbarra l-VAT .**

**4. Illi peress illi mas-sid il-konvenut kien miftiehem hmistax-il lira Maltin kull jarda bil-VAT inkluz u l-ammont konsenjat kien ta' tmien jardi l-konvenut ma hallasx izda rega' mar diversi drabi sabiex isib lis-sid u jhallas ;**

**5 . Illi peress illi l-konvenut ghal diversi drabi fittex lil Frank Rapa izda inutilment, huwa ddecieda illi jhallas u ghal darba ohra l-konvenut offra l-pagament dovut izda meta rega' mar minbarra l-ammont dovut huwa intalab ihallas sbatax-il lira (LM17) ghall-ittra min idejn l-avukat illi skond l-istess socjeta' intbaghtet lill-konvenut ;**

**6 . Illi pero' l-konvenut la rcieva ittri minn idejen l-avukat u lanqas ircieva kont ghall-imsemmija konsenja ;**

**7. Illi l-konvenut ma riedx jibqa' f'din is-sitwazzjoni u ghaldaqstant iddepozita s-somma dovuta, skond il-ftehim illi kien sar qabel ma saret l-imsemmija konsenja, a favur tas-socjeta' attrici permezz taccedola numru ;**

**8. Illi sa meta rcieva din il-kawza l-konvenut kien ghadu qatt ma rcieva kont u lanqas ircieva talba ghall-hlas b'xi ittra jew verbalment .**

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut jitlob illi t-talba attrici tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici .**

**Ra d-dokumenti esibiti u sema' d-depozizzjoni kemm ta' Frank Rapa, direttur tas-socjeta' attrici kif ukoll dik tal-konvenut Anthony Xerri .**

**Ikkunsidra ;**

**Illi l-partijiet kontendenti qeghdin jipprezentaw verzjonijiet konfliggenti dwar x'kien ezattament miftiehem bejniethom verbalment u ghalhekk it-Tribunal irid jezamina l-kredibilita' tas-sottomissjonijiet u xhieda taghhom .**

**Illi ma hemm xejn inkonsistenti jew inverosimili fix-xhieda ta' Frank Rapa . Min-naha l-ohra, il-konvenut xejn ma jista' jitwemmen li ma rceviex l-ittra tal-avukat tas-socjeta' attrici Dok FR-1 li ghandha l-indirizz korrett u mhux biss ghandha n-numru tad-dar, li huwa n-numru 2, imma wkoll sahansitra l-isem tad-dar *Madonna ta' Pinu* . Il-konvenut ipprova jitfa' dubbju dwar jekk irceviex l-ittra billi jghid li l-gar tieghu ukoll jismu bhalu, u huwa msiefer . Izda mistoqsi x'numru ghandu l-gar, il-konvenut wiegeb li ma jafx – haga li t-Tribunal isib ferm inverosimili . Huwa wkoll inverosimili li l-ufficcjal tal-posta tfixkel post ma' iehor billi mhux biss hemm in-numru, imma hemm ukoll l-isem tad-dar . U l-konvenut mhux biss ma ndenjax jiccekkja n-numru tal-gar, imma wkoll ma ndenjax jistabbilixxi jekk giex ikkonsenjat b'disa' jew tmien jardi konkos, haga li facilment seta' jikkonstata . Dawn l-inverosimiljanzi tal-konvenut idghajfu sostanzjalment il-kredibilita' tax-xhieda tieghu li ghalhekk qed tigi skartata mit-Tribunal bhala li mhux ta' min joqghod fuqha .**

**Illi ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandu l-ebda ghazla ohra ghajr li jirrigetta l-kontestazzjonijiet kollha tal-konvenuti u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta'**

**LM160.42 valur ta' materjal mibjugh u kkunsinnat lill-konvenuti skond kif jirrizulta mill-invoice esibita u markata Dokument "A" fil-process .**

**Bl-ispejjez tal-istanza kontra l-konvenuti .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(ft) MaryJane Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S1401GTGm
660